MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 385/2014

**Burmarrad Commercials Limited**

**Vs**

**Claude CAMILLERI u b'digriet datat 4 ta' Marzu, 2015, isem l-intimat gie jaqra Anton sive Claude Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-12 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf tlett mija hamsa u ghoxrin euro u tmienja u hamsin centezmi ta' euro [€1325.58c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' elf tliet mija u hamsa u ghoxrin euro u tmienja u hamsin centezmu (€1325.58), VAT inkluz, rapprezentanti din is-somma: kwantu ghas-somma ta' elf u erbgha u ghoxrin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1024.24) bhala prezz ghall-

kiri lilu mis-socjeta attrici tal-vettura tal-marka Toyota Hiace (KBN074); kwantu ghas-somma ta' sebghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€70.48) bhala refuelling charges fuq il-vettura mikrija; kwantu ghas-somma ta' tlieta u tletin euro u tnejn u sittin centezmu (€33.62), hlas ghad-dhul fil-Belt Valletta (CVA) dovut mill-konvenut izda mhallas mis-socjeta attrici; kwantu ghas-somma ta' tnejn u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (€52.48), ukoll hlas ghad-dhul fil-Belt Valletta (CVA) dovut mill-konvenut izda wkoll imhallsa mis-socjeta attrici; kwantu ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), bhala hlas ghal kontravvenzjoni ohra dovut mill-konvenut u wkoll imhallsa mis-socjeta attrici; u kwantu ghas-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin euro u sebgha u erbghin centezmu (€121.47), bhala hlas ghal kontravvenzjoni u fee amministrattiva dovuti mil-konvenut u imhallsa mis-socjeta attrici.

Minkejja illi gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont hekk dovut minnu, huwa baqa inadempjenti; ghaldaqstant kellha ssir din it-talba.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data illi tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra konvenut illi jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-6 ta' Ottubru, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1) Illi fl-ewwel lok, in kwantu t-talba tirrigwarda hlas ghall-kiri ta' vettura, din hija preskritta bid-dekors tat-tmintax-il xahar ai termini tal-Art. 2148(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm ebda ammont dovut mill-esponenti stante illi inter alia il-vettura de quo kienet replacement vehicle moghtija mis-socjeta rikorrenti sakemm dina issewwilu l-vettura kummercjali tieghu. Illi mhux talli dawn ir-riparazzjonijiet hadu fit-tul esagerat, talli b'rizultat ta' dawn it-tiswijiet, inkisru jew gew mgharrqa partijiet ohra tal-vettura li kienu tajbin, u dan kif taf tajjeb is-socjeta rikorrenti. Certament illi ma jkunx gust u ekwu li

s-socjeta rikorrenti tigi ‘ppremjata’ kagun tan-nuqqasijiet gravi taghha stess;

3) Salv eccezzjonijiet ohra u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti kontra s-socjeta rikorrenti.

Bl-ispejjez”;

Ra l-verbal tat-3 ta’ Frar, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta’ €1,325.58c rapprezentanti din is-somma:

    a) kwantu ghas-somma ta’ elf u erbgha u ghoxrin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1024.24) bhala prezz ghall-kiri lilu mis-socjeta rikorrenti tal-vettura tal-marka Toyota Hiace (KBN074);

    b) kwantu ghas-somma ta’ sebghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€70.48) bhala refuelling charges fuq il-vettura mikrija;

    c) kwantu ghas-somma ta’ tlieta u tletin euro u tnejn u sittin centezmu (€33.62), hlas ghad-dhul fil-Belt Valletta (CVA) dovut mill-intimat izda mhallas mis-socjeta rikorrenti;

    d) kwantu ghas-somma ta’ tnejn u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (€52.48), ukoll hlas ghad-dhul fil-Belt Valletta (CVA) dovut mill-intimat izda wkoll imhallsa mis-socjeta rikorrenti;

    e) kwantu ghas-somma ta’ tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), bhala hlas ghal kontravvenzjoni ohra dovut mill-intimat u wkoll imhallsa mis-socjeta rikorrenti; u

f) kwantu ghas-somma ta’ mija u wiehed u ghoxrin euro u sebgha u erbghin centezmu (€121.47), bhala hlas ghal kontravvenzjoni u fee amministrattiva dovuti mil-intimat u imhallsa mis-socjeta rikorrenti.

L-intimat laqa’ ghal din it-talba billi qal li fl-ewwel lok in kwantu t-talba tirrigwarda hlas ghall-kiri ta’ vettura, din hija preskritta bid-dekors tat-tmintax-il xahar ai termini tal-Art. 2148(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fit-tieni lok, kompla jghid l-intimat u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm ebda ammont dovut minnu stante illi inter alia il-vettura de quo kienet *replacement* vehicle moghtija mis-socjeta rikorrenti sakemm dina issewwilu l-vettura kummercjali tieghu. Illi mhux talli dawn ir-riparazzjonijiet hadu fit-tul esagerat, talli b’rizultat ta’ dawn it-tiswijiet, inkisru jew gew mgharrqa partijiet ohra tal-vettura li kienu tajbin, u dan kif taf tajjeb is-socjeta rikorrenti. Certament illi ma jkunx gust u ekwu, kompla jghid l-intimat, li s-socjeta rikorrenti tigi ‘ppremjata’ kagun tan-nuqqasijiet gravi taghha stess; Huwa rriserva li jiehu kull azzjoni spettanti lilu kontra s-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. **Noel Gauci,** *operations director* mas-socjeta rikorrenti qal li l-intimat kien ha l-vettura tieghu sabiex isiru xi xogholijiet fuqha. Qal li huma kienu offrew servizz ta’ kiri ta’ vettura sakemm il-vettura ta’ l-intimat iddum ghandhom ghat-tiswija, liema offerta giet accettata mill-intimat. Sahaq li l-ammont reklamat f’dawn il-proceduri ghandu x’jaqsam biss mal-kiri ta’ l-imsemmija vettura. Ix-xhud imbaghad ghadda biex elenka l-ammonti li s-socjeta rikorrenti qeghda tippretendi minghand l-intimat li b’kollox jammontaw ghas-somma reklamata f’dawn il-proceduri. Qal li “*l-intimat kien hallasna ghax-xogholijiet ta’ riparazzjoni li kienu twettqu fuq il-vettura tieghu*” (fol. 46). Fadallu jhallas biss l-ammont reklamat, kompla jghid ix-xhud.

   In kontro-ezami, qal li huwa ilu fil-kariga ta’ *operations director* ghal dawn l-ahhar sena u nofs u li qabel kien jokkupa l-kariga ta’ *general*

*manager*. Qal li d-direttur tas-socjeta rikorrenti Mario Gauci kien qallu li kien hemm xi ilmenti da parti ta' l-intimat u li huwa imbaghad kien kellem lill-istess intimat dwarhom. Qal li "*l-ilmenti tal-intimat kienu gew irrangati l-ghaliex kellhom x'jaqsmu mat-tiswijiet tal-vettura tieghu*" (fol. 46).

3. **L-intimat** qal li huwa juza van sabiex ikun jista jgib xoghol refrigerated hawn Malta. Qal li l-van kien marlu l-clutch u kien kellem lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Mario Gauci sabiex jaghmel *full service* ta' l-imsemmi van inkluz li jitbiddel dan il-clutch. L-intimat qal li "*jiena naqbel li CVA u l-kontravvenzjonijiet irrid inhallashom u dawn naccetta li nhallashom pero l-kirja nghid illi ghadda z-zmien minn fuqha u m'ghandix naghtiha*" (fol. 48). Ghar-rigward tax-xogholijiet ta' tiswija li saru fuq il-vann tieghu, l-intimat stqarr li huwa kien hallas lis-socjeta rikorrenti u ma fadallu jaghti xejn f'dan ir-rigward. Waqt li kien qieghed isuq dan il-vann, wara li kien hadu minghand is-socjeta rikorrenti, huwa seta jinnota li kien "*hemm diversi affarijiet li ma kienux qeghdin jahdmu minkejja li konna tlabna ahna lis-socjeta rikorrenti sabiex tirranghom dawn l-affarijiet dawn l-affarijiet ma kellhomx x'jaqsmu ma' dawk li kont tlabthom biex jirrangawli bhal technometer, horn, radio*" (fol. 48). Qal ukoll li s-socjeta rikorrenti ma kienitx biddlet is-*suspension*. Dwar dan, l-intimat qal li huwa kien ilmenta mas-socjeta rikorrenti u fil-fatt ghadda biex esebixxa sensiela ta' *emails* li huwa kien baghat lis-socjeta rikorrenti f'dan ir-rigward (ara dok. CC1 a fol. 53 et seq). Zied ighid li meta huwa mar biex issewwi l-vann, s-socjeta rikorrenti kienet offrietlu sabiex jikri vettura minghandha. Qal li huwa kien f'dilemma dwar dan il-punt u dan peress li "*ma kienx jaghmel hafna sens li nikri vettura minghand xi hadd li ser isewwielna l-ghaliex l-iskop tieghu tkun li jdewwem kemm jista jkun din il-vettura tieghi ghat-tiswija halli jkompli jithallas il-kera taghha*" (fol. 48). Minekjja dan, huwa kien qabel li jikri tali vettura b'dan illi, skond l-intimat, il-ftehim kien ghal disat' ijiem. Qal li n-Noel Gauci kien qabel ma dan il-punt. Wara dista' ijiem kien baghtlu SMS fejn infurmah li minkejja li kien ghadda z-zmien stipulat, il-vann ma kienx ghadu lest u infurmah li "... *jiena ma kontx ser inhallas wara d-disat ijiem peress li jiena u hu konna ftehmna li x-xogholijiet fuq il-van tieghi kellhom idumu sa' massimu*

*ta' disat ijiem*" (fol. 48). L-intimat stqarr li "*ghalhekk qieghed nghid jiena illi m'ghandi naghti l-ebda ammont lis-socjeta rikorrenti wkoll apparti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li qajjimt*". Qal ukoll li r-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti kienu nfurmawh li x-xogholijiet damu daqshekk (xahar b'kollox) l-ghaliex is-*suspension* li kellha titbiddel, kellha tigi barra minn Malta. Kien biss meta huwa kien barra minn Malta bil-vann li l-intimat skopra li ma kellhux *suspension* u meta huwa nfurma lid-direttur tas-socjeta rikorrenti Mario Gauci b'dan il-fatt, skond l-intimat, dan kien qallu "*skuzani ma kontx naf*" (fol. 49). Kompla jghid li xi ftit zmien wara huwa ma baqax juza dan il-vann u ghalhekk ma ghamilx it-tiswijiet necessarji fuq dan il-van.

In kontro-ezami, l-intimat qal li l-kelma *suspension* fuq id-dokument immarkat BC 1 a fol. 18 tal-process ma tinsabx u rrikonoxxa l-firem li hemm fuq id-dokumenti a fol. 19, 26, 27 u 28 tal-process bhala dawk ta' l-impjegat tieghu Ephrem.

In ri-ezami, mistoqsi dwar il-kliem fuq id-dokument a fol. 20 tal-process fejn id-data tas-6 ta' Settembru, 2011 "*Mario Meli fifteen labour put rear spring*", l-intimat qal li "*din ma saritx il-ghaliex kif diga ghidt molla ma kienx hemm*" (fol. 49).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. L-intimat eccepixxa li l-azzjoni intentata mis-socjeta rikorrenti ghar-rigward tal-hlas tal-kiri tal-vettura lilu hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta rikorrenti da parti taghha, kif anke evidenzjata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, tghid li l-intimat, fit-tieni eccezzjoni tieghu, qieghed jghid, b'mod kawt hafna, li huwa ma ghandux jaghti lis-socjeta rikorrenti minhabba li huwa garrab danni u allura, dejjem skond l-istess socjeta rikorrenti, l-intimat qieghed jecepixxi t-tpacija bejn l-ammont reklamat u dak minnu soffert. Konsegwentement, tghid is-socjeta rikorrenti, din it-tieni eccezzjoni tinnewtralizza l-ewwel eccezzjoni tal-intimat tal-preskrizzjoni.

5. Jirrizulta li fid-19 ta’ Awwissu, 2011, l-intimat kera vettura tat-tip Toyota Hiace minghand is-socjeta rikorrenti. Id-dokument li jinsab a fol. 26 tal-process gie ffirmat minn impjegat tal-intimat u cioe minn Efrem Gerturini. Fit-12 ta’ Gunju, 2014 inbdew dawn il-proceduri. L-artikolu eccepit mill-intimat u cioe l-artikolu 2148(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid li “*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ tmintax-il xahar: (f) l-azzjonijiet ta’ kull persuna, għall-kera ta’ ħwejjeġ mobbli*”. B’hekk it-tmintax-il xahar bejn minn meta inkriet il-vettura u giet ritornata lura lis-socjeta rikorrenti mill-intimat sakemm infethet din il-kawza kienu lehqu ghaddew ampjament. Sa hawn ghalhekk, jidher li ghandu ragun l-intimat ghar-rigward ta’ din l-eccezzjoni, limitatament ghall-kiri tal-vettura lilu mis-socjeta rikorrenti.

6. Naraw li l-artikolu 1525 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid li “*Il-kuntratt ta’ kiri, sew ta’ ħaġa kemm ta’ xogħol, jista’ jsir sew b’kitba kemm bil-fomm…*”.

7. It-Tribunal ra n-noti ta’ sottomissjonijiet ferm ricerkati tal-partijiet. L-intimat ssottometta li dan l-artikolu japplika ghall-kaz de quo. In sostenn, huwa iccitta diversi sentenzi fosthom **Tony’s Car Hire Limited vs Carmel Tabone et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri nhar il-5 ta’ April, 2006 u **Burmarrad Commercials Limited vs George Borg** deciza minn dan it-Tribunal fit-2 ta’ Gunju, 2008. Ma dawn, it-Tribunal izid s-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran nhar it-18 ta’ Awwissu, 1965 fl-ismijiet **Gaetano Spiteri pro et noe vs Thomas sive Tom Castle** (Vol. XLIX/ii/1027).

8. Preventivament, l-intimat, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu jghid ukoll li ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern l-artikolu 2151 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid: “*(1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba’ artikoli qabel dan, ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta’ fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor. (2) Iżda, f’kull każ bħal dan, jekk il-kreditu għal dawn il-fornituri, kunsinni, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi*

*preskrizzjoni ħlief bl-egħluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni*".

9. Il-mistoqsija li tqum hija jekk il-ftehim li hemm esebit a fol. 26 et seq tal-process (Dok. BC 3) jammontax ghal dak li l-ligi tghid fl-artikolu hawn appena citat u cioe "*kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur*"? Jekk ir-risposta hija fl-affermattiv, allura l-artikolu nvokat mill-intimat ma jibqax applikabbli l-ghaliex iz-zmien minn tmintax-il xahar jigi estiz ghall-hames snin bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 2151 tal-Kap. 16. L-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li din il-frazi citata mit-Tribunal f'dan il-paragrafu u cioe "*kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra bil-miktub*" tirreferi ghal accettazzjoni min-naha tad-debitur illi sehh posterjorment ghall-krejazzjoni tal-allegat debitu u mhux ghall-ftehim originali. It-Tribunal jara li l-intimat ghandu ragun f'dan ir-rigward ghall-ewwel parti ta' din il-frazi u cioe ghal kliem "*kont accettat mid-debitur*" pero ma jaqbilx mieghu ghar-rigward tat-tieni parti ta' din il-frazi u cioe "*jew minn dikjarazzjoni ohra bil-miktub*". Meta gie ffirmat id-dokument a fol. 26 et seq tal-process mill-impjegat ta' l-intimat, l-istess intimat kien jaf bil-kemm qeghda tinkera lilu l-vettura mis-socjeta rikorrenti u l-ammont dovut minnu fl-ahhar ta' dik il-kirja. Skond dan id-dokument, il-kirja kellha tkun ghall-sebat' ijiem (bejn id-19 ta' Awwissu, 2011 u s-26 ta' Awwissu, 2011) u l-ammont li kellhu jithallas minnu kien ta' €289.10c (cioe €35 ghal kull gurnata li l-vettura tkun ghand l-intimat). Gara li l-intimat baqa jzomm din il-vettura wara dan il-perjodu u ghalhekk kien jaf, u kien qieghed jaccetta li huwa jhallas is-somma ta' €35 ghal kull gurnata li din il-vettura mikrija lilu kienet tibqa ghandu. Ghalhekk, din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni da parti tal-intimat qeghda tigi michuda.

10. B'zieda ma dan li ghadu kif inghad hawn fuq, t-Tribunal jaghmel referenza ghall dak sottomess mis-socjeta rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u cioe li l-intimat, kien qieghed fir-rejalta jeccepixxi t-tpacija. It-Tribunal jaqbel ma din is-sottomissjoni u wasal ghal din il-konkluzzjoni kemm mill-provi u kemm mid-dokumenti esebiti, u cioe l-emails li kienu gew skambjati bejn il-partijiet. Dawn l-emails kienu jikkoncernaw l-hlasijiet li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda tippretendi minghand l-intimat u r-risposta ta' l-istess intimat

ghal din it-talba billi huwa jelenka sensiela ta' oggetti li ma sarux sew jew ta' danni ohra li huwa ssubbixxa minhabba nuqqasijiet da parti tas-socjeta rikorrenti fir-riparazzjoni tal-van tieghu. Insibu f'email mibghuta mill-intimat lil Margaret Gauci, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, nhar l-1 ta' Marzu, 2012 il-kliem "*We further think that since you did not do the work we paid for and on top of that damaged the vehicle, it is more a matter of you owe us than we owe you. It is hard to quantify how much we are owed. Damage made to the van (radio not working, rev counter not working, damage through loading the van when the springs were damaged), work paid for that was not done (replacement of springs and suspension) plus depriving us from the use of a refrigerated vehicle for over three weeks for nothing*" (fol. 41) u "*I really do not want to take this further. I just want to move on and put it down to experience. But if you deem that this is not a reasonable ending to the matter, we would engage our lawyers to handle the matter for us*" (fol. 41). F'email ohra datata 7 ta' Novembru, 2011, wara li l-intimat kien ircieva kont ta' kontravvenzjoni minghand is-socjeta rikorrenti huwa qal, wara li elenka l-problemi kollha li huwa kellhu fil-vann tieghu wara li kien hadu minghand is-socjeta rikorrenti "*and now you are asking me for four weeks rental of the van!! Come on!*" (fol. 53). Dan kollu jindika, fil-fehma tat-Tribunal li dak li qieghed jippretendi l-intimat f'dawn il-proceduri huwa li ma jhallas xejn minhabba dawn in-nuqqasijiet li huwa qieghed jallega li s-socjeta rikorrenti wettqet fuq il-van tieghu. Nafu li l-eccezzjoni tat-tpacija hija inkompatibbli ma dik tal-preskrizzjoni u meta din tinghata, anke jekk issir minghajr pregudizzju, effettivament tkun qeghda tinnewtralizza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. A skans ta' ripetuzzjoni, t-Tribunal jaghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti f'dan ir-rigward.

11. Fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-intimat jghid ukoll li l-vettura tas-socjeta rikorrenti kienet *replacement vehicle* moghtija mill-istess socjeta rikorrenti sakemm dina issewwilu l-vettura kummercjali tieghu. Din ukoll ma ghandhiex mis-sewwa. Jirrizulta b'mod car mid-dokument a fol. 26 et seq tal-process li l-vettura li inghatat lilll-intimat mis-socjeta rikorrenti inghatat lilu taht "*rental agreement*". Hekk jismu l-kuntratt

li ffirma l-impjegat ta' l-intimat. Ma jistax ikun hemm dubbju dwar dan.

12. Ghar-rigward tal-kumplament tat-tieni eccezzjoni tieghu, l-intimat jidher li ma huwiex isostni wisq fuqha anke l-ghaliex, fl-ezami tieghu huwa qal "*peress li ftit wara jiena ma bqajtx nuza dan il-van jiena ma qatx naghmel tiswijiet necessarji u cioe s-suspension, ir-radio, etc*" (fol. 49). Konsegwentement, it-Tribunal, apparti li ma huwiex ser jidhol f'din il-kwistjoni mqanqla minnu biex jara jekk is-socjeta rikorrenti hijiex ser tigi ppremjata kagun tan-nuqqasijiet gravi taghha, lanqas ma jista jilqaha l-ghaliex ma hemm l-ebda prova in sostenn.

13. B'referenza ghat-talba tas-socjeta rikorrenti, apparti l-ammissjoni tal-intimat li huwa lest li jhallas l-ammont reklamat ghas-CVA u ghall-kontravvenzjonijiet mis-socjeta rikorrenti waqt li l-vettura taghha kienet fil-pussess tieghu (fol. 48), it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ammont reklamat ghall-kirja tal-vettura moghtija lill-intimat hija ppruvata sal-grad li trid il-ligi. Konsegwentement sejjer jilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal:

i) Filwaqt li qieghed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mill-intimat; u

ii) Filwaqt li qieghed jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet l-ohra in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

iii) Qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti; u

iv) Konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf tlett mija hamsa u ghoxrin euro u tmienja u hamsin centezmi ta' euro [€1325.58c] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fil-gurnata li kull ammont indikat mis-socjeta rikorrenti fit-talba taghha gew dovuti, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, huma kollha a karigu tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------